

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alcohol Countermeasure Systems (International) Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 16, 18.1.2016.

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-28 ta' Marzu 2017 – Il-Portugall vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-733/15) (<sup>1</sup>)

*("Nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Pagamenti ta' penalità — Deċiżjoni ta' likwidazzjoni tal-pagamenti ta' penalità — Tħassir tal-miżura nazzjonali kontenjuża — Data tal-waqfien tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu")*

(2017/C 151/43)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

## Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes u M. Figueiredo, aġenti, assistiti minn L. Silva Morais, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Nicolae u P. Costa de Oliveira, aġenti)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2015)4178538, tat-8 ta' Ottobru 2015, li titlob lir-Repubblika Portugiża l-pagament tas-somma ta' EUR 580 000, li tikkorrispondi mal-pagamenti ta' penalità likwidati, għall-perijodu mill-25 ta' Ġunju sal-21 ta' Awwissu 2014, bħala eżekuzzjoni tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-76/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2029).

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 68, 22.2.2016.

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-3 ta' April 2017 – Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-28/16) (<sup>1</sup>)

*("FAEG u FAEŻR — Infiq eskluż mill-finanzjament — Żvilupp rurali — Konsolidazzjoni tal-art u tiġidid tal-irħula — Kriterji ta' għażla ta' operazzjonijiet — Prinċipju ta' kooperazzjoni leali — Sussidjarjetà — Aspettattivi leġġittimi — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni")*

(2017/C 151/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment T. Henze u A. Lippstreu, sussegwentement T. Henze u D. Klebs, aġenti)